**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA**
**05/2023**
24 TA' LULJU 2023

# IL-KAMRA TAL-PERITI TILQA' L-LIĊENZJAR TAL-KUNTRATTURI – ISSEJJAĦ GĦAL LAQGĦAT SABIEX JIĠI DISKUSS TITJIB

Il-Kamra tal-Periti tilqa' l-fatt li wara kampanja twila sittax-il sena, sa fl-aħħar il-BCA bdiet tirċievi applikazzjonijiet għall-liċenzjar tal-kuntratturi. Din hija milja important għall-modernizzazzjoni u tiġdid tal-industrija.

Is-suċċess ta' din is-sistema ta' liċenzjar, iżda, tiddependi minn kemm il-BCA hija lesta li tiddixxiplina l-kuntratturi. Mingħajr determinazzjoni tal-BCA sabiex tieħu l-passi meħtieġa sabiex naraw professjonalità fuq siti ta' kostruzzjoni, dawn ir-regolamenti ma jkunu swew għal xejn.

Il-Kamra tinnota iżda li hemm lok għal titjib fir-regolamenti li ġew ippubblikati l-ġimgħa l-oħra. In-nuqqas ta' assigurazzjoni *Contractors' All Risk (CAR), Employers' Liability,* u polza għall-perijodu sħiħ ta' responsabbiltà hija lakuna serja fir-regolamenti, kif ġa rrimarkat l-MDA.

Filwaqt illi l-Kamra tirrikonoxxi li regolament 5 (3) tal-A.L. 166 tal-2023 jistipula illi kuntrattur liċenzjat għandu jassigura li x-xogħlijiet imwettqa minnu jkunu koperti b'assigurazzjoni, dan joħloq burokrazija żejda sija għall-uffiċjali tal-infurzar tal-BCA stess, kif ukoll għall-klijenti li ser ikollhom joqogħdu jivverifikaw li fil-fatt il-kuntrattur għandu polza.

Il-Kamra tirrimarka illi kien ikun ħafna iktar prattiku u għaqli li jiġi assigurat li assigurazzjoni adegwata tkun rekwiżit għall-ħruġ tal-liċenzja, kif provdut fl-Att dwar il-Periti li jirrikjedi li kull perit irid ikollu polza sabiex ikun jista' jipprovdi servizzi professjonali. Il-preżentazzjoni ta' karta tal-liċenzja għandha tkun prova biżżejjed għall-klijenti li hemm kopertura.

Il-Kamra ssejjaħ għal laqgħat urġenti mal-Gvern u l-MDA sabiex tiġi ndirizzata din il-lakuna, konxja mill-fatt illi l-*Malta Insurers Association* ma tridx tipprovdi l-kopertura neċessarja, billi jiġu esplorati alternattivi għas-suq tal-assigurazzjoni lokali.

127, Sliema Road
Gzira GZR 1633
Malta
t. +356 21314265
e. info@kamratalperiti.org
w. kamratalperiti.org
Kamra tal-Periti

Barraminhekk, il-Kamra titlob skeda ta’ żmien li fih il-liċenzji għall-kuntratturi oħra bħas-servizzi (dawl u ilma) u finitura jiddaħħlu fil-futur mhux imbiegħed sabiex l-istandards jogħlew fl-industrija kollha.

**TMIEM**